A.L. 89 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 3), liema Raba' Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

Iżid il-partita 10 ġdida mat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda.

2. Minnufih wara l-partita 9 tat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda, għandha tidħol din il-partita ġdida:

"10. *Gas oil u diesel oil*

Il-provvista ta' *gas oil* u *diesel oil*, kif imfisser fit-Taqsima Tlieta ta' din l-Iskeda.".

Iżid il-partita 7 ġdida mat-Taqsima Tlieta ta' l-Iskeda.

3. Minnufih wara l-partita 6 tat-Taqsima Tlieta ta' l-Iskeda, għandha tidħol din il-partita ġdida:

"7. *Gas oil u diesel oil*

"*Gas oil u diesel oil*" tfisser l-oġġetti speċifikati fit-Tariffa tad-Dwana fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni taħt is-subintestaturi 2710.00.61.00; 2710.00.65.00 u 2710.00.69.00 f'Kapitolu 27.".